

# Sommarju għaċ-ċittadini

## Konsultazzjoni - ir-riforma tal-politika tas-sajd tal-UE

### IL-KWISTJONI.

Riformi fl-2002 għamlu l-politika tas-sajd tal-UE (il-“politika komuni tas-sajd”) aktar sostenibbli...

- il-**partijiet interessati** issa għandhom aktar **influenza fit-tfassil tal-politika**.
- ħafna mir-**riservi tal-ħut** issa **jitmexxew permezz ta' pjanijiet komprensivi fit-tul** (mhux annwali, bħal ma kienu qabel).

... iżda għad hemm problemi kbar:

- **I-iskarsità serja ta' ħut** - xi 80% tal-ispeċi kollha fl-ilmijiet tal-UE attwalment jinsabu maqbuda żżejjed u madwar 30% huma fil-**periklu li jispiċċaw kompletament**. Hemm **riskju serju li r-riservi tal-ħut fl-Ewropa jispiċċaw** kollha.
- hemm **wisq bastimenti tas-sajd** għan-numru ta' ħut li nistgħu naqbd u bla periklu.
- il-biċċa l-kbira tal-flotot tas-sajd tal-UE qed **jaqilgħu veru ftit profitt jew saħansitra jġarrbu telf**. Dan iwassalhom biex ikomplu jżidu fis-sajd.
- il-qabdiet tant naqsu li l-Ewropa issa **qed ikollha timporta żewġ terzi** mill-konsum tal-ħut tagħha

### MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

Il-konsultazzjoni hija parti minn rivista tal-politika tas-sajd li għandha l-għan li:

- tgħin **ir-riżorsi naturali** jirkupraw
- tiżgura li s-sajjeda jkollhom aċċess għal **riservi abbondanti**
- tagħti l-**industrija tal-iproċessar** aċċess aktar kompetittiv għall-ħut
- **issalva l-impjegi** fis-settur tas-sajd
- tagħti lil konsumaturi **għażla akbar ta' ħut ta' kwalità għolja**
- tippermetti lill-bejjiegħa u l-konsumaturi jserħu rashom li l-ħut **għej minn sajd sostenibbli u bi tmexxija tajba**
- tipprovdi **ekonomija lokali aktar diversifikata** għar-residenti tar-reġjuni kostali

### GĦALIEX HEMM BŻONN LI TITTIHEH AZZJONI MILL-UE?

- Il-ħut (u s-sajjeda) **jimxu minn ġuriżdizzjoni nazzjonali għal oħra** u jgħixu fl-istess **istema ekoloġika** - il-pajjiżi individwali ma jistgħux jinfluwenzaw dan is-settur biżżejjed waħidhom.
- Jekk ma jkunux koordinati, l-azzjonijiet li jsiru minn grupp wieħed ta' partijiet ikkonċernati jistgħu **jkunu ta' ħsara għall-għajxien ta' oħrajn...**
- ... għalhekk il-gvernijiet tal-UE ftiehem li s-sajd Ewropew **jitmexxa b'mod konġunt** mill-Kummissjoni Ewropea.

## **X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?**

Għalissa - xejn. Il-Green Paper sempliċiment tistieden il-partijiet interessati fl-UE biex **jagħtu l-opinjoni** tagħhom dwar kif tista' ttejjem il-politika tas-sajd tal-UE. Imbagħad dawn il-kontribuzzjonijiet jispiċċaw fi **proposti konkreti fil-ġejjieni**.

Madankollu, l-UE tixtieq tikkonsidra **tibdil fundamentali** fil-politika tas-sajd, per eż.:

- is-sistema attwali tat-tmexxija tar-riservi tal-ħut skont **qabdi** **prestabbiliti** bejn il-pajjiżi tal-UE
- **sussidji** għas-settur tas-sajd
- ftehim ma' **pajjiżi barra l-UE**
- il-mod kif jittieħdu d-**deċiżjonijiet** fil-livell tal-UE
- ir-responsabbiltà tas-**settur tas-sajd** fit-tmexxija tar-riservi.

## **JEKK IKUN HEMM XI RIFORMI, META GĦANDHOM JIDĦLU FIS-SEĦĦ?**

- **fl-1 ta' Jannar 2013** - wara proċess sħiħ ta' konsultazzjoni u approvazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.